MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2289/1999/1

**Claudette Farrugia Spiteri**

**vs**

**Jeffrey Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fil-Knisja ta' St. John of the Cross, Ta' Xbiex, fil-21 ta' Mejju, 1992 (Dok. A: Certifikat taz-Zwieg);

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija

psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat mill-kontendenti fil-21 ta' Mejju, 1992;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 5 tal-process;

Rat il-verbal tat-22 ta’ Mejju 2000.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-20 Lulju 2000 u d-digriet tal-Qorti tat-3 t’Awissu 2000 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbali tat-23 ta’ Gunju 2000; tal-11 t’Ottubru 2000; tal-4 ta’ Dicembru 2000 u tal-20 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 21 tal-process fejn gie eccepit:

Illi t-talbiet attrici jistghu jkunu gustifikati.

Illi inoltre, l-eccipjent ihoss illi l-konvenuta ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, u dan minhabba raguni temporaneja kawzata minn *‘depression'* li giet fuqha meta kellha kunfidenzi ma' ragel iehor.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 22 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici tat-3 ta' Settembru tal-2001 fejn gie esebit l-affidavit taghha stess u dawk ta' Doris Spiteri u Eugenio Spiteri (fol 23 sa 38).

Rat il-verbali tad-19 ta' Settembru 2001, tal-10 ta' Dicembru 2001, tal-5 ta' Frar 2002, tas-17 ta' April 2001 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u d-difensuri talbu li x-xhieda fil-kawza Cit Nru 1797/99M fl-ismijiet inversi li kienet marret dezerta fit-2 ta' Mejju 2001 tigi nserita f'din il-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tiffissa seduta wahda ghall-provi kollha tal-partijiet; tat-12 ta' Gunju 2002 u tal-14 ta' Gunju 2002.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli (fol 51 u 52).

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2002 fejn Dr Luciano Busuttil ghall-attrici ddikjara li rrinunzja ghax-xhud indikat fil-verbal quddiem l-Assistent Gudizzjarju u ddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut b'terminu t'40 jum. Deher ukoll Dr Tonio Azzopardi ghall-konvenut li ddikjara li m'ghandux provi aktar. Fuq talba tad-difensuri l-Qorti preffiggiet terminu t'40 jum kull wiehed lill-partijiet biex jipprezentaw nota t' osservazzjonijiet u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2002 u tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Frar 2003.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi b'Citaz Nru 1797/99/NA li marret *sine die* fl-24 ta' Novembru 2000, in partikolari l-affidavit tal-konvenut odjern datat 15 t'Awwissu 1999 li gie allegat ma dan il-process b'digriet ta' din il-Qorti tas-17 t'April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

## A. Kawza Odjerna

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fil-21 ta' Mejju 1992 jigi dikjarat null u bla effett stante li hija qed tallega li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

## (B) Konsiderazzjonijiet Legali.

Illi l-attrici fl-ewwel premessa taghha ssostni li l-kunsens tal-konvenut kien nieqes mid-diskrezzjoni necessarja biex jizzewweg, u ghalhekk l-istess attrici qed ticcita l-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255**. Dan l-artiklu jghid hekk:-

*"**Art.19(1):** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi Il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju "*supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Infatti l-awtur ***Bersini*** **(Il Diritto Canonico Matrimoniale** [Torino, 1994]) jispjega li:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di*

*giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita' li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cjoe' li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich*, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** [Montreal,1993],p.686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli*

*oneri essenziali della vita coniugale*”, jghid il-**Bersini**, “*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*” (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma “*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*” (***Viladrich*, P.J.,** op. Cit., p. 687).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-partijiet ma kienux preparati sabiex jaghmlu dan il-pass taz-zwieg u dan fis-sens li jirrizulta li l-kunsens taghhom kien vizzjat minhabba mhux biss nuqqas li jifhmu x’tikkonsisti l-hajja mizzewga izda wkoll li bil-mod kif kienu qed jghixu hajjithom il-partijiet rispettivament u fil-mument li waslu biex jaghmlu dan il-pass kienu ghal kollox inkapaci sabiex ikollhom dan il-kunsens u jifhmu d-dmirjiet taghhom taht l-istess istitut.

Illi fil-fatt jirrizulta li kemm l-attrici u l-konvenut kellhom hafna x’jalejnhom kemm qabel iz-zwieg u kemm wara z-zwieg sabiex huma jghixu ta’ vera mizzewgin. Fil-fatt jekk

wiehed ihares lejn ix-xhieda ta’ wahda jew ta’ l-iehor jirrizulta li hemm akkuzi reciproci fuq l-infedelta` ta’ wahda u ta’ l-iehor, u dan ghall-perjodu kollu tar-relazzjoni taghhom flimkien waqt l-gherusija wara z-zwieg u llum.

Illi fil-fatt jekk wiehed ihares lejn l-affidavit attrici il-konvenut gie ndikat mill-attrici li ftit qabel iz-zwieg kellu relazzjonijiet almenu ma zewg persuni, filwaqt li wara z-zwieg jirrizulta li l-istess attrici qed takkuza lill-konvenut li kellu relazzjonijiet ma certu Lorraine Anastasi, Lorraine Azzopardi, Isabelle Azzopardi u certu Michelle Muscat, li jidher li bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-konvenut ghalkemm fl-affidavit tieghu ma jsemmi xejn dwar dan.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta li l-konvenut ghamel allegazzjonijiet ukoll serji fil-konfront tal-attrici f’dak li huma relazzjonijiet ma terzi persuni, u fiha indika diversi persuni li skond hu kellhom diversi kunfidenzi mal-attrici kemm qabel u kemm wara z-zwieg.  Taht dan l-aspett huwa ndika dawn il-persuni li kollha kienu relatati mal-post tax-xoghol li kienet taghmel l-attrici minn zmien ghal zmien, fosthom Joseph Hammet, Vincent Farrugia, u certu Taljan bl-isem ta’ Giovanni li gew esebiti wkoll ritratti ta’ dan ta’ l-ahhar ma l-istess attrici. Fuq dan l-attrici ma tikkummenta assolutament xejn u taghmel bhal m’ghamel il-konvenut fl-allegazzjonijiet li saru minnha kontra tieghu.

Illi pero` apparti dan kollu li certament juri nuqqas ta’ fedelta` minn parti lejn l-ohra u *vice versa* mill-kumpless tal-provi jirrizulta wkoll li kemm il-mara u kemm ir-ragel f’dan is-suppost zwieg ghexu kompletament ghal rashom, anke waqt il-permanenza tal-istess ko-abitazzjoni ta’ bejniethom, u dan jidher li huwa ammess miz-zewg partijiet fejn fir-rigward tal-konvenut dan jidher li kien mixhut fuq ix-xoghol tieghu, fuq il-loghob tal-*football* u wkoll fuq l-avventuri tieghu ta’ natura extra maritali, fejn lanqas biss qatt ma kkontribwixxa lanqas manteniment ghall-istess attrici, dan alemenu kif minnha allegat, pero` bl-ebda mod kontradett mill-istess konvenut.

Illi min-naha l-ohra ma jistax jinghad li l-attrici ma kelliex is-sehem taghha f’din li l-Qorti thoss li kienet disfatta ta’

relazzjoni, peress li jidher li ghalkemm l-attrici lmentat dwar in-nuqqas ta' attenzjoni li l-konvenut kien jaghti lilha, hija min-naha taghha tirrizulta li kellha diversi aljenazzjonijiet ghall-hajja mizzewga, fosthom *overtime* esagerat fuq ix-xoghol, li wara li tigi mix-xoghol kienet tkun spiss ghand ommha, u dan apparti dak li l-konvenut irrefera ghalihom bhala kunfidenzi ma terzi persuni minnu msemmija li kienu jinkludu wkoll mawriet kemm Ghawdex u kemm barra minn Malta.

Illi dan iwassal biex il-Qorti tikkonkludi li jekk kien hemm kollox f'dan iz-zwieg, certament li l-element ta' hajja u mhabba komunali huwa ghal kollox nieqes, u dan mhux tant f'dak li jistghu ikunu espressjonijiet ta' din in-natura, izda mill-fatti kif esposti mill-partijiet dwar is-siehba jew sieheb taghhom rispettiv, li wassal sabiex din ir-relazzjoni tista' tigi spjegata bhala wahda ta' incertezza, suspetti u tradimenti kontinwi lejn xulxin, li bil-mod kif graw u kif riportati mill-partijiet, certament li jrendihom aktar u aktar qabel iz-zwieg innifsu nkapaci li jkollhom jew kellhom id-disprezzjoni necessarja ta' gudizzju fil-kunsens taghhom biex jifhmu s-sinifikat ta' dak li dahlu ghalih.

Illi mhux biss izda l-mod kif l-istess partijiet agixxew fil-konfront ta' xulxin waqt iz-zwieg juri u jikkonferma l-atteggjament taghhom qabel iz-zwieg tant li jirrizulta li fl-ebda mument ma kien hemm unjoni ta' kunsens necessarju w essenzjali sabiex din l-unjoni tkun tista' ssehh jew inkella tigi rikonoxxuta bhala valida;  tant hu minnu dan li jidher li mill-mod kif resqu l-provi l-partijiet jista' jkun hemm ukoll dubju dwar dak li sallum, jew almenu f'din il-kawza qed jigi kkunsidrat bhala l-wild taghhom it-tnejn, tant li l-konvenut tefa' dubji serji dwar dan u jirrizulta li huwa rrifjuta li jkollu kuntatt mal-istess wild, u dan kif jirrizulta mill-affidavit tieghu u wkoll mill-affidavit tal-attrici.

Illi minn dan kollu jirrizulta li hadd mill-partijiet ma kien kapaci fil-mument tac-celebrazzjoni tal-att taz-zwieg li jifhem u japprezza li z-zwieg huwa rabta dejjiema b'obbligazzjonijiet reciproci u b'unjoni ta' kunsens fuq il-hajja taghhom, anzi mill-provi prodotti jidher mill-

atteggjament taz-zewg partijiet li l-hajja taghhom flimkien kienet negazzjoni ta' dan kollu.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, u mhux ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-konvenut kif allegat l-attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat mill-kontendenti fil-21 ta' Mejju, 1992 u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------